MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Numru 285/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**

v

**GEORGE ABELA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GEORGE ABELA** ta' tmienja w erbghin sena, bin il-mejjet Francis u l-mejta Antonia nee Ebejer, imwieled Hal Qormi nhar s-sebgha ta' Awissu 1957 u residenti 'Casa Chrisgeor', Triq Amleto Spiteri, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 0541457M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 ghal habta tas-sitta neqsin ghaxra ta' filghaxija fi Triq l-Imdina, Hal Balzan, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer;

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbilku u cioe kontra PS 1043 Francis Pace, waqt li kien qed jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi;

2. talli ngurja jew hedded persuni ta' uhud inkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe fuq il-persuna ta' PS 1043 Francis Pace;

3. talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PS 1043 Francis Pace waqt li kien qed jaqdi d-doveri teighu jew ma halliehx jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu;

4. talli hebb kontra Boris Curmi sabiex jingurjah, idejjqu, jew jghamillu hsara;

5. talli saq vettura b'numru ta' registrazzjoni AAQ 418 b'manjiera perikoluza u traskurata fejn ghalhekk il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tissospendi lil imputat milli jzomm kwalunkwe xorta ta' licenzja tas-sewqan;

6. talli f'kull kaz fejn minhabba vettura bil-mutur fit-triq jigri incident li jkun jinvolvi offiza fuq il-persuna l-ohra, jew tigi kkawzata hsara lil xi vettura, annimal jew proprjeta ohra, s-sewwieq tal-vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni AAQ 418 u cioe l-imputat, ghandu jieqaf u jekk ikun mehtieg li jaghmel dan minn ufficjal tal-pulizija u cioe minn PS 1043 Francis Pace, Gwardjan Lokali jew minn persuna li jkolla raguni bizzejjed li titlob li jsir hekk, li jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji tal-assikuratur tal-vettura kif wkoll l-marka tal-vettura u n-numru ta'registrazzjoni tal-vettura;

7. talli waqt li kien qed isuq l-istess vettura fi triq li hija regolata b'sinjali ta' dawl tat-traffiku, naqas li jieqaf meta d-dawl kien qed jixghel ahmar jew amber;

8. talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga [vettura bin-numru ta' registrazzjoni FUN 123];

9. talli waqt li kien qed isuq l-istess vettura habat ma  vettura bin-numru ta' registrazzjoni FUN 123 w ikkagunalha hsarat gad-dannu ta' Boris Curmi u persuni ohra;

10. talli voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat;

11. talli voluntarjament qal kliem oxxen w espressjonijiet ta' dagha;

12. talli ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti jew ghamel xi atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew d-decenza pubblika;

13. talli f'lok pubbliku jew miftuh ghal pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista jiehu hsieb tieghu nnifsu;

14. talli mbotta lil haddiehor u cioe lil PS 1043 Francis Pace u lil Boris Curmi fit-triq biex iweggahhom jew jinsulenthom;

15. talli rrifjuta li jaghmel t-test tan-nifs meta gie hekk mitlub wara li gie mwissi mill-pulizija li rifjut huwa reat.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 esibit fl-atti bhala dokument CSH sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur jivverbalizza li kien qed jirtira l-akkuza ta’ sewqan perikoluz w ghalhekk l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ tali akkuza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tmienja ta’ Mejju 2006 u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat ai fini ta’ piena:

1. Ic-cirkostanzi tal-kaz in partikolari li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni tul dawn l-investigazzjonijiet odjerni;

2. L-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

3. Illi l-incident sehh f’sahna ta’ mument u li feriti ma kienx hemm.

Ghalhekk **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 96(a), 95(1), 338(ee), 339(1)(d), 328, 338(dd), 338(bb), 342 u 338(ff) tal-Kap 9, l-artikolu 15(1)(a)(2) u 15B tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 125 tal-MVR, **tiddikjara li ssib lil imputat GEORGE ABELA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu fuq ammissjoni tieghu stess salv dik ta’ sewqan perikoluz mill-liema akkuza tastjeni li tiehu konjizzjoni, u tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ tlett mitt [300] lira maltin.**

**Oltre dan ai termini tal-artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' gimgha mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------